MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 513/2010

**Camray Company Limited**

**Vs**

**George Pace u Presidential Holdings Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih is-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici vversat is-somma ta’ sebgha u sebghin elf sitt mija u erbatax-il ewro u tmenin centezmu

(€ 77,614.80) lill-konvenuti solidalment bejniethom bhala self *brevi manu* fuq diversi perjodi;

Illi mill-imsemmija somma ghadu dovut bilanc ta' tnejn u sittin elf sitt mija u erbatax-il ewro u temenin centezmu (€62,614.80) lis-socjeta` attrici;

Illi minkejja li permezz ta' skrittura privata tat-8 ta' Frar, 2010, il-konvenuti obbligaw ruhhom li jhallsu l-imsemmi bilanc fi zmien tliet xhur minn dik id-data, l-imsemmi bilanc ghadu ma' thallasx;

Illi l-konvenuti baqghu inadempjenti nonostante diversi interpellazzjonijiet sabiex ihallsu dan id-debitu pendenti;

Illi dan id-debitu tal-konvenuti fil-konfront tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u skadut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet illi din il-Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta` attrici kreditrici tal-konvenuti ghas-somma ta' tnejn u sittin elf sitt mija u erbatax-il ewro u tmenin centezmu (€62,614.80) oltre imghaxijiet kummercjali sad-data ta' pagament effettiv; u
2. Tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tnejn u sittin elf sitt mija u erbatax-il ewro u tmenin centezmu (€62,614.80) oltre imghaxijiet kummercjali sad-data ta' pagament effettiv;
3. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Art 167 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru numru 706/10 pprezentat fil-5 ta' Mejju, 2010 u bl-imghaxijiet legali ulterjuri dovuti kontra l-intimati.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors mahluf u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, il-konvenuti ma wrewx illi ghandhom eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet tal-atturi, jew xi raguni ohra ghaliex il-kawza ma ghandhiex tinqata' bid-dispensa tas-smigh.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fir-rikors mahluf, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------